MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2016

Rikors Numru 1035/2014LM

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3336/14**
**datata 24 ta' Ottubru, 2014 fl-ismijiet:**

**Mohammed Dawdi (Pass. Libjan Nru: 952364.2012)**

**vs.**

**Cassar and Schembri (Marketing) Limited (C33174)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Novembru, 2014 mis-soċjetà **Cassar and Schembri (Marketing) Limited (C33174)** (minn issa 'l quddiem imsejħa "is-soċjetà rikorrenti eżekutata"), fejn għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala

annessa mal-Ittra Uffiċjali Nru 3336/2014 fl-ammont ta' sitt mija u ħamsa u tmenin elf euro (€685,000), liema kambjala mmaturat fl-10 ta' Mejju, 2014. Ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà rikorrenti eżekutata jgħid dan li ġej:

> *Illi s-soċjetà rikorrenti rċeviet l-preċitata ittra uffiċjali fejn Mohammed Dawdi (recte) qed jipprova jakkwista titolu eżekuttiv kontra tagħha (recte) bis-saħħa tal-kambjala annessa mal-istess ittra fl-ammont* ta' €685,000.00 *liema kambjala mmaturat fl-10 ta' Mejju, 2014;*
>
> *Illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda tikkontesta l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjala in vista tal-fatt illi jeżistu raġunijiet gravi u validi għal tali oppożizzjoni ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana kif ser jiġi indikat hawn taħt:*
>
> *a) Preliminarjament is-soċjetà rikorrenti (recte) qed tiddubita dwar il-veraċità u l-validità ta' din il-kambjala minħabba li safejn jaf ir-rappreżentant, hi qatt ma kienet a konjizzjoni ta' din il-kambjala u lanqas taf lil Mohammed Dawdi;*
>
> *b) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-istess soċjetà m'għandha l-ebda ħjiel għal dak li jista' jirrappreżenta l-ammont mitlub lilha;*
>
> *c) Illi inoltre s-soċjetà rikorrenti mhijiex f'pożizzjoni li taċċerta ruħha dwar il-firma fuq l-istess kambjala b'dana illi hemm possibbiltà kbira illi il-firma ta' din il-kambjala, mhijiex ta' rappreżentant ta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited.*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġuni jew raġunijiet premessi, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjala in toto u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan taħt kwalsisasi provvedimenti li jistgħu jidhrulha opportuni.*

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2014, li bih (i) ordnat in-notifika ta' **Mohammed Dawdi** u tagħtu tlett (3) ijiem żmien biex iwieġeb bil-miktub; (ii) ordnat provviżorjment is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala inkwistjoni u (iii) appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2014.

Rat ir-risposta ta' **Mohammed Dawdi (Pass. Libjan Nru: 952364.2012)** (minn issa 'l quddiem "l-intimat eżekutant") ippreżentata fit-23 ta' Frar, 2015 fejn wieġeb kif ġej:

1. *Illi l-oppożizzjoni tas-soċjetà Cassar and Schembri (Marketing) Limited għall-eżekuzzjoni tal-kambjala (recte) huma kompletament frivoli, inveritieri u infondati stante li s-soċjetà intimata mhix iġġib raġuni gravi u valida skont il-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Illi meta ġiet iffirmata l-kambjala u anke jekk ma sarx xi tibdil riċentament is-sur Ryan Schembri kien awtorizzat li jidher li jagħmel obbligazzjonijiet għall-kumpannija intimata stante li kien debitament awtorizzat permezz tal-Memorandum & Articles tal-istess kumpannija.*

3. *Illi kif intqal fil-kawża fl-ismijiet Joseph Mamo vs. Joseph Zammit deċiża fil-15 ta' Lulju, 2013 (Rikors Numru 981/2013):*

   *"Il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi transazzjoni kummerċjali oħra u dan kif ġie deċiż fil-kawża Charles Gatt vs. Joseph Vassallo Gatt deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1993 fejn il-Qorti irriteniet illi 'appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni ad hoc għalkollox indipendenti u separata minn kwalsiasi obbligazzjoni li setgħet tippreċedieha'.*

4. *Illi ġaladarba l-aspetti formali tal-kambjala mhumiex ikkontestati ma hemm l-ebda indaġini fuq il-mertu tal-kambjala.*

5. *Illi l-imsemmija kambjala ġiet iffirmata quddiem l-esponenti u anke fil-preżenza ta' terzi mill-istess Ryan Schembri (u) ma jeżistu ebda raġunijiet gravi u validi għaliex dina l-istess kambjala għandha b'xi mod tiġi attakkata.*

Rat l-atti tal-Ittra Uffiċjali u tar-Rikors.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' April, 2015, tal-21 ta' Mejju, 2015, tal-14 ta' Ottubru, 2015, tas-16 ta' Diċembru, 2015 fejn din il-kawża kellha tiġi differita għall-ħames darba infila peress li l-intimat eżekutant skont l-avukat difensur tiegħu għandu diffikultajiet serji biex jivvjaġġa mil-Libja sabiex ikun preżenti hawn Malta ħalli jkun jista' jittella' jixhed f'dawn il-proċeduri mis-soċjetà rikorrenti eżekutata.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 2016 fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment għas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2016.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi din hija proċedura ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis illi din hija proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma

tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala dan ikollu jiftaħ kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis illi l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u validi u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġiżlatur iżda intenzjonalment għax il-leġiżlatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le. "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni"[1].

Is-soċjetà rikorrenti eżekutata kif għandha kull dritt li tagħmel, riedet ittella' lill-intimat eżekutant bħala xhud f'dawn il-proċeduri sabiex tkun tista' ssostni r-raġunijiet tagħha għalfejn qiegħda topponi għall-eżekuzzjoni tal-kambjala inkwistjoni. Fl-impossibbiltà li s-soċjetà rikorrenti eżekutata tressaq bħala xhud tagħha lill-intimat eżekutant, tenut ukoll kont tal-fatt li l-persuna li allegatament iffirmat il-kambjala inkwistjoni tinsab maħruba mill-pajjiż, din il-Qorti tqis illi teżisti raġuni gravi u valida biżżejjed sabiex tiġi ordnata s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3336/14 datata 24 ta'

[1] **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** - PA deċiża fil-5 ta' Frar, 2008.

Ottubru, 2014 ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Jekk l-intimat eżekutant irid jeżiġi l-ħlas tal-kambjala inkwistjoni huwa għandu jiftaħ kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ u f'każ li huwa jibqa' nieqes minn Malta, huwa għandu jaħtar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentah f'dawk il-proċeduri.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda:**

1. **Fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti eżekutata għas-sospensjoni tal-kambjala annessa mal-Ittra Uffiċjali Nru 3336/2014 datata 24 ta' Ottubru, 2014;**

2. **Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jibqgħu bla taxxa.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------